# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 29 ta' Frar, 2024.**

**Numru 6**

**Rikors numru 231/23/1**

**Shahzad Gill**

**v.**

**Kunsill għall-Infermiera u Qwiebel Malta u b'digriet tal-lum stess il-kliem "Kunsill għall-Infermiera u Qwiebel Malta" ġew sostwiti bil-kliem "Il-President tal-Kunsill għall-Infermiera u Qwiebel Malta"**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq minn deċiżjoni bil-miktub mill-Kunsill għall-Infermiera u Qwiebel (minn issa 'l quddiem imsejjaħ bħala 'il-Kunsill') tad-19 ta' April, 2023, li permezz tagħha l-Kunsill iddeċieda: (i) li l-appellant naqas li joqgħod mal-istandards professjonali

applikabbli għall-professjoni tal-infermiera u li bħala konsegwenza din tinkludi theddida serja għall-ġid tal-pazjenti; (ii) li b'hekk saret rakkomandazzjoni li skont l-**Artikolu 32(1)(ċ)(v) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa**, l-appellant jgħaddi minn perjodu ta' taħriġ professjonali, liema taħriġ għandu jinkludi tagħlim ta' infermiera professjonali; u (iii) ġie ordnat li isem l-appellant jitħassar mir-reġistru u saret rakkomandazzjoni mill-Kunsill lill-President ta' Malta għas-sospensjoni tal-liċenzja tal-appellant.

**Daħla**

2. Illi mill-atti jirriżulta li Shazhad Gill ġie impjegat bħala *staff nurse* ġewwa l-Isptar Mater Dei fl-1 ta' Awwissu, 2022 (ara paġna 72 tal-proċess).

3. Jidher li qabel ma ġie ngaġġat bħala infermier ġewwa Mater Dei, huwa għamel żmien jaħdem ukoll bħala infermier ġewwa l-Isptar Monte Karmeli u f'San Vinċenz De Paule (ara korrispondenza elettronika minn Charlo Farrugia mill-kumpanija Healthmark lil Elizabeth Bonett f'paġna 59 tal-proċess).

4. Jirriżulta minn rapporti li nkitbu dwar Shahzad Gill, li hekk kif beda jaħdem ġewwa l-Isptar Mater Dei, huwa ma kienx jaf prattiċi bażiċi tal-

professjoni tiegħu (ara paġna 81 tal-proċess). Rapport minnhom (*Report following nursing observations, Mr Shahzad Gill done on 20/09/2022* f'paġna 82 tal-proċess) jgħid li barra mill-fatt li ma jifhimx kliem bażiku bil-Malti, inkiteb li: *«Evidently, Mr Gill lacks knowledge on basic infection control principles, patient dignity, moving and handling techniques, and intravenous infusion administration, hence compromising patient safety.»*

5. Il-kwistjoni baqgħet tiela' aktar 'il fuq fil-ġerarkija tad-dipartiment fejn sa fl-aħħar insibu ittra elettronika tal-15 ta' Novembru, 2022 mingħand Elizabeth Bonett (Reġistratur tal-Kunsill) lis-sur Rudolph Cini (Chief Nursing Manager), li avżatu li wara l-ittri elettoniċi dwar l-appellant, ġie deċiż li l-Bord tad-Dixxiplina tal-Kunsill kien se jgħajjat lill-appellant fuq Bord ta' Inkjesta (ara paġna 71 tal-proċess).

6. Jirriżulta li permezz ta' ittra elettronika mibgħuta minn Elizabeth Bonett fl-istess ġurnata tal-15 ta' Novembru, 2022, Shahzad Gill ġie avżat li:

> *«I hereby give you notice that the Council for Nurses and Midwives has ordered an inquiry in terms of Art. 31 et seq. of Chapter 464 of the Laws of Malta, to consider and judge the charge imputed to you, namely medication errors and lack of knowledge of dealing with basic nursing tasks in the course of the administration of your duties as a staff nurse in Mater Dei Hospital.*
>
> *You are hereby informed that the first sitting of the said inquiry will be held on Wednesday 30th November 2022 10.00a.m at the Boardroom of the Office of Council for Nurses and Midwives at Level 1 St Luke's Hospital G'Mangia Hill, Pietà.*
>
> *A copy of the Council for Nurses and Midwives Rules is enclosed for*

*your guidance.*

*You are warned that failure on your part to appear without giving a reasonable explanation for your absence would not debar the Council for Nurses and Midwives from proceeding with the inquiry in your absence.»*

7. Mill-atti jirriżulta li Shahzad Gill irċieva korrispondenza b'posta reġistrata mingħand il-Kunsill nhar it-18 ta' Novembru, 2022.

8. Il-Kunsill iddeċieda bil-mod kif ġej nhar id-19 ta' April, 2023:

*«In accordance with article 32(1)(c)(v) of Chapter 464 of the Laws of Malta, Mr Shazhad Gill is to undergo a period of professional training, which training shall include Professional nursing tuition, as recognised by the Council for Nurses and Midwives; and*

*In accordance with article 32(1)(c)(ii) and article 34 of Chapter 464 of the Laws of Malta, Mr Shazhad Gill's name shall be taken-off the register and it shall be recommended to the President of Malta to suspend the licence of Mr Shahzad Gill, up until the period of time the Council for Nurses and Midwives is appropriately convinced by Mr Shahzad Gill that he has received adequate training leading to the restoration of his name within the register.*

*The Council recommends that you are to attend and successfully complete a full nursing course programme of at least three and half years which leads to a Higher Diploma or Degree level in nursing studies as required in EU Directive 2005/36.»*

9. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Kunsill biex jiddeċiedi b'dan il-mod ġew imfissra hekk:

*«The Council for Nurses and Midwives refers to Inquiry held by the sub-committee of the Council in accordance with provisions 31 and 32 of Chapter 464 of the Laws of Malta.*

*The allegations brought forward against you are mainly a breach of Professional standards and therefore, after due consideration to the allegations made against you, having heard and evaluated the testimony by yourself to the board members, and having heard and evaluated the testimony by all other witnesses, and having deliberated upon the findings, the Council for Nurses and Midwives, in accordance*

*with article 32(1)(c) of Chapter 464 of the Laws of Malta, established that you have failed to abide by the professional standards applicable to the nursing profession, and as consequence comprises **a serious threat** to the well-being of patients.*

*On the matter, reference is being made to a Court of Appeal (Superior) in the names of **V.J. Salomone Pharma Limited v. Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti et,** wherein it was held and confirmed that in situations involving patients well-being, the deciding entity must be more prudenti in its deliberations;*

*Reference is also made to the **Code of Ethics and Standards of Professional Conduct for Nurses and Midwives**, in particular provisions 1.1.10 and 1.2.10, which clearly show that your conduct was in breach of such provisions:*

> *«1.1.10 Maintain patient trust by providing safe and competent care.»*
>
> *«1.2.10 Strive to ensure that the care provided does not harm the Health or safety of the patients.»*

*In view, and in accordance with article 32 (1) of Chapter 464 of the Laws of Malta, the Council for Nurses and Midwives may impose one or more measures.*

*In view of the above, the sub-committee is hereby recommending the following measures:*

- *In accordance with article 32(1)(c)(v) of Chapter 464 of the Laws of Malta, Mr Shazhad Gill is to undergo a period of professional training, which training shall include Professional nursing tuition, as recognised by the Council for Nurses and Midwives; and*

- *In accordance with article 32(1)(c)(ii) and article 34 of Chapter 464 of the Laws of Malta, Mr Shazhad Gill's name shall be taken-off the register and it shall be recommended to the President of Malta to suspend the licence of Mr Shahzad Gill, up until the period of time the Council for Nurses and Midwives is appropriately convinced by Mr Shahzad Gill that he has received adequate training leading to the restoration of his name within the register.*

- *In accordance with article 36 of Chapter 464 of the Laws of Malta, you are hereby being notified with the decision of Council. The competent authorities of each Member State will also be notified of this decision.*

*This recommendation, as endorsed by the CNM, is subject to appeal in accordance with Chapter 464 of the Laws of Malta.»*

10. L-appellant ġie notifikat b'din id-deċiżjoni bil-miktub permezz ta' posta reġistrata nhar il-25 ta' April, 2023.

11. Permezz ta' rikors tal-appell imressaq fil-15 ta' Mejju, 2023, l-appellant isejjes l-appell tiegħu fuq bosta punti, li fil-qosor jista' jitqies li ressaq tliet aggravji.

12. Il-Kunsill ressaq tweġiba nhar id-9 ta' Ġunju, 2023 u fiha ta r-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

13. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fis-7 ta' Diċembru, 2023 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Illi qabel ma' din il-Qorti tistħarreġ l-mertu tal-appell, jeħtieġ li jitqiesu t-tliet preġudizzjali imqajma mill-Kunsill appellat.

15. Il-Kunsill appellat jgħid li l-appellant għandu jġib prova li l-appell ġie ppreżentat minnu fit-terminu stabbilit fl-**Artikolu 36(4) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa**. Illi l-**Artikolu 36(1), (2)** u **(4) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa** jipprovdu li:

> *«(1) Meta skont l-artikolu 32 jew l-artikolu 38 Kunsill rilevanti jistabbilixxi li isem xi persuna għandu jkun kanċellat mir-reġistru adatt,*

*ir-reġistratur tal-Kunsill rispettiv għandu, fi żmien erbatax-il jum mill-ġurnata meta tittieħed id-deċiżjoni mill-Kunsill rispettiv, jinnotifika lill-persuna li isimha għandu jiġi kanċellat b'avviż tad-deċiżjoni tal-Kunsill, u għandu, fi żmien dak il-perjodu ta' wieħed u għoxrin ġurnata, ukoll jagħti avviż ta' dan lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru.*

*(2) Id-deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti għandha tibda sseħħ biss meta jgħaddi t-terminu preskritt fis-subartikolu (4) għal appell jekk ma jsirx appell, jew suġġett għal dawk il-modifiki, jekk ikun hemm fl-appell, wara li l-appell jiġi deċiż.*

*...*

*(4) F'kull żmien matul wieħed u għoxrin ġurnata min-notifika ta' avviż il-persuna li tkun ġiet notifikata bih tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell.»*

16. Mill-atti jirriżulta li l-appellant ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Kunsill nhar il-25 ta' April, 2023[1] permezz ta' posta reġistrata (ara paġna 32 tal-proċess) u li l-appell ġie ppreżentat fil-15 ta' Mejju, 2023. B'hekk jiġi li l-appell ġie ppreżentat fit-terminu msemmi mil-liġi. Għalhekk din il-preġudizzjali se titwarrab.

17. Il-Kunsill jgħid ukoll li l-appellant għandu jiddikjara b'mod ċar is-sors tad-dritt tal-azzjoni minnu promossa (i.e. taħt liema artikolu tal-liġi din l-azzjoni qiegħda tiġi bbażata) sabiex huwa jkun f'pożizzjoni aħjar li jressaq ir-risposta tiegħu, b'dan li rriżerva d-dritt li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri.

18. Illi minn qari tar-rikors tal-appell din il-Qorti jidhrilha li l-appellant qiegħed iressaq ir-rikors tiegħu abbażi tal-**Artikolu 36 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa**. Dan meqjus ukoll il-fatt li l-Kunsill

[1] Għalkemm l-appellant isemmi d-data tal-24 ta' April, 2023.

irrakkomanda li ismu jitħassar mir-Reġistru tal-Infermieri. Fuq kollox, l-istess deċiżjoni appellata li ġiet notifikata lill-appellant tirreferi għall-**Artikoli 32** u **36 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa**. Għaldaqstant anke din il-preġudizzjali se titwarrab.

19. Imiss issa li nistħarrġu t-tielet preġudizzjali tal-Kunsill, li permezz tagħha jgħid li jekk l-appell huwa msejjes fuq l-**Artikolu 36 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa** huwa mhux il-leġittimu kontradittur fi proċeduri ta' appell u dan abbażi tal-**Artikolu 36(7) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa**.

20. Illi l-artikolu msemmi mill-Kunsill appellat jipprovdi li: *«Il-President tal-Kunsill rispettiv għandu jkun l-intimat f'appell li jsir taħt dan l-artikolu biex jirrappreżenta lill-Kunsill.»*

21. Jibda biex jiġi kkummentat qabelxejn, illi biex soġġett imħarrek jew imsejjaħ fil-ġudizzju jitqies li hu leġittimu kontradittur, l-eżerċizzju fuq daqshekk jinneċessita aċċertament fuq il-bażi tal-*petitum*, jiġifieri r-riżultat imfittex fil-ġudizzju mill-attur. B'mod partikolari, il-prinċipju jinvolvi l-eżami tar-rapport ġuridiku dedott f'dan il-ġudizzju (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-2 ta' Ottubru, 2009 fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Antoine Naudi nomine et v. John Abela Limited et***).

22. Filwaqt li huwa minnu li l-artikolu msemmi mill-Kunsill jgħid dak li jgħid, madankollu ma jistax jingħad li l-Kunsill imħarrek mhux il-leġittimu kontradittur. L-**Artikolu 36(7) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa** jipprovdi fl-aħħar mill-aħħar li l-President tal-Kunsill għandu jitħarrek sabiex jirrappreżenta lill-Kunsill. Huwa ovvju għalhekk li aktar minn kollox dan is-subinċiż jipprovdi hekk anke bħala fini ta' pratticità, imma fl-aħħar mill-aħħar l-għarbiel li jkun wettaq u d-deċiżjoni tal-Kunsill jkunu qegħdin taħt il-lenti.

23. Din il-Qorti tqis li f'dan il-każ għandha tħaddem dak li jipprovdi l-**Artikolu 175(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, fid-dawl ta' dak li jipprovdi s-subinċiż (1) tal-istess artikolu.

24. Kif inhu magħruf, id-diskrezzjoni tal-Qorti taħt l-**Artikolu 175(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hija wiesgħa ħafna għaliex tikkontempla kull tip ta' tibdil jew sostituzzjoni fl-atti ġudizzjarji. Skont is-**subinċiż (3)** tal-**Artikolu 175** u l-ġurisprudenza din id-diskrezzjoni tal-Qorti li tordna tiswijiet fl-atti ġudizzjarji tista' tiġi eżerċitata kemm *ex officio* fis-sentenza tagħha (ara ***George Peresso v. Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Mejju, 2003, ***Salvu Briffa et v. Gerolamo Bugeja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru, 2006, ***Victor Azzopardi et v. John Azzopardi et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2021) u kif ukoll

mingħajr il-ħtieġa li tinstema' l-parti kuntrarja, jekk kemm-il darba l-Qorti tħoss li tali intervent ma jkunx la meħtieġ u lanqas neċessarju (ara ***Joseph M. Vella et v. Vella Brothers Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 2007 u ***Salem Nuri Razzewi v. Il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonniċi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004).

25. Bħalma ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Roland Darmanin Kissaun v. GlobalCapital Financial Management Limited*** mogħtija fl-4 ta' Mejju, 2022, is-**subinċiż (3)** tal-**Artikolu 175** jagħti lil kull qorti s-setgħa li tordna minn jeddha (jiġifieri, allura, bla ma tkun saritilha talba minn xi waħda mill-partijiet) li jissewwa xi nuqqas jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv li jkun hemm f'xi att. Il-kundizzjoni waħdanija li titlob il-liġi hija biss li dan irid isir, «*sa dakinhar li (l-qorti) tagħti s-sentenza u taqta' l-kawża.*»

26. Għaldaqstant din il-Qorti b'riħet l-**Artikolu 175(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** qiegħda tordna li fl-okkju tar-rikors tal-appell u kull fejn hekk meħtieġ il-kliem: *«Kunsill għall-Infermiera u Qwiebel Malta»* jiġi sostitwit bil-kliem: *«Il-President tal-Kunsill għall-Infermiera u Qwiebel Malta*.»

27. Għalhekk anke din il-preġudizzjali se titwarrab.

28. Ngħaddu issa għall-**appell imressaq minn Shahzad Gill**, li jista' jingħad li jissejjes fuq tliet aggravji.

29. Permezz tal-**<u>ewwel aggravju</u>**, l-appellant jisħaq li huwa ma ngħatax ir-rapport tal-inċident imfassal mill-*practice nurse* responsabbli għas-sala fejn huwa kien stazzjonat fl-Isptar Mater Dei, li juri l-inċident li eventwalment wassal għall-Inkjesta tal-Kunsill u aktar tard għas-sospensjoni tiegħu. Dan minkejja li huwa talab kopja ta' dan ir-rapport diversi drabi. Jgħid li billi huwa ma ngħatax l-informazzjoni sħiħa, inkluż ir-rapport imsemmi, huwa kien prekluż milli jiddefendi ruħu bl-aqwa mod.

30. Il-Kunsill appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jiċħad li b'xi mod jew ieħor ġew mittiefsa d-drittijiet tal-appellant u li ma kellux l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiddefendi lilu nnifsu bl-aqwa mod. F'kull każ, jekk hawn qiegħed jingħad li l-appellant kellu xi drittijiet mittiefsa, huwa għandu jressaq l-ilment tiegħu fis-sede opportuna u mhux fl-istadju tal-appell.

31. Din il-Qorti fliet l-atti u ma jirriżultalhiex fl-ewwel lok li l-appellant talab diversi drabi dan ir-rapport u li kien hemm ċaħda għal din it-talba. Jirriżulta minflok li matul ix-xhur, l-appellant kien qiegħed jiġi segwit minn bosta professjonisti sabiex jiżguraw li huwa kien jaf xogħlu u dan billi ġie osservat li kien hemm bosta nuqqasijiet min-naħa tiegħu u b'hekk żgur

ma jistax jingħad li huwa ma kienx jaf għal liema raġuni kienet għaddejja inkjesta fuqu. Fuq kollox, meta huwa ġie mgħarraf li kien se jkun hemm inkjesta, ingħad li l-istħarriġ tal-inkjesta kien se jkun fuq: *«medication errors and lack of knowledge of dealing with basic nursing tasks in the course of the administration of your duties as a Staff nurse in Mater Dei Hospital.»*

32. Jirriżulta wkoll mir-rapport imħejji mis-sottokumitat tad-dixxiplina tal-Kunsill li jinsab fl-atti, li l-appellant xehed quddiem il-Bord tal-Inkjesta nhar it-30 ta' Novembru, 2022 (ara paġna 43 tal-proċess). Ingħata wkoll id-dritt li jkun rappreżentat minn avukat iżda huwa għażel li ma jkellimx avukat jew ikun megħjun minn avukat. Skont ir-rapport ix-xhieda tal-appellant tirrifletti l-ilmenti li huwa ressaq ukoll f'dan l-appell u li se jiġu mistħarrġa. Fuq kollox, jirriżulta minn dan l-appell innifsu li huwa kien jaf sewwa biex kien qiegħed jiġi mixli.

33. Għalhekk dan l-aggravju se jiġi miċħud.

34. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** tiegħu l-appellant jilmenta li l-pazjenta inkwistjoni kienet tinstab fis-sala 'M7' fl-Isptar Mater Dei, liema sala tilqa' bosta pazjenti b'diversi problemi ta' saħħa, li jvarjaw minn problemi ta' saħħa ħfief għal problemi aktar kumplessi. Dakinhar tal-inċident huwa kien l-uniku infermier assenjat mal-pazjenta partikolari. Jissokta jgħid li

din mhix prattika normali peress li l-infermiera huma avżati biex jattendu għal pazjenti li jeħtieġu assistenza medika aktar kumplessa fi tnejn, sabiex jaħdmu b'mod aktar effiċjenti. Jgħid li għalkemm staqsa lis-superjuri tiegħu bosta drabi u talab l-għajnuna ta' infermier ieħor iżda dan kien għalxejn.

35. L-appellant jgħid li huwa qiegħed ibati inġustament il-konsegwenzi tal-problema ta' nuqqas ta' infermiera ġewwa l-isptar. Iżid jgħid li jekk il-Kunsill jistenna lill-appellant iżomm ċertu livell ta' standard meta jkun mal-pazjenti, allura l-Kunsill għandu jiżgura li l-infermiera jkollhom ir-riżorsi meħtieġa u bażiċi sabiex huma jkunu jistgħu jeżerċitaw il-professjoni tagħhom b'mod effiċjenti. Jgħid illi l-għarfien waħdu mill-infermiera responsabbli għas-superviżjoni lill-appellant, fejn hija espressivament infurmati li l-għajnuna ta' infermier ieħor kienet fi triqitha, minkejja li tali għajnuna qatt ma ngħatat, tkompli ssaħħaħ iċ-ċertezza li l-infermiera responsabbli għas-superviżjoni għarfet u qablet li l-appellant kien fi bżonn u ħtieġa ta' aktar għajnuna sabiex iwettaq ix-xogħol tiegħu b'mod effiċjenti, inkella hija kienet tiċħad it-talba tiegħu mill-ewwel. Fl-aħħar nett jgħid li wara l-inċident, l-appellant tħalla jkompli jaħdem bħala infermier għal sitt xhur oħra. Għalhekk il-mistoqsija li tqum f'dan ir-rigward hija jekk huwa kien qiegħed jonqos milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu, għaliex tħalla jkompli jaħdem għal dawn ix-xhur.

36. Il-Kunsill jilqa' għal dan l-aggravju billi jiċħad li kien hemm xi nuqqas min-naħa tal-isptar u li fi kwalunkwe każ l-appellant ma jistax juża ċirkostanza ta' xi allegat nuqqas minn ħaddieħor sabiex jostor jew b'xi mod jaħbi n-nuqqasijiet tiegħu stess.

37. Din il-Qorti mingħajr tlaqliq ta' xejn tqis li dan l-aggravju mhux wieħed siewi. Jirriżulta mill-atti li l-appellant xehed ukoll f'dan is-sens quddiem l-Inkjesta sabiex jiġġustifika n-nuqqasijiet tiegħu. Prova ta' dak li huwa allega m'hemmx fl-atti. B'hekk minn dan jinżel li din il-Qorti ma tistax toqgħod biss fuq asserzjonijiet li mhumiex imsaħħa bi provi.

38. Għaldaqstant anke dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

39. Permezz tal-**<u>aħħar aggravju</u>**, l-appellant jgħid li huwa ilu jgħix u jaħdem Malta sa mis-sena 2014, li huwa missier ta' żewġ minuri li għadhom dipendenti fuqu u fuq martu. Barra minn hekk anke l-ġenituri tiegħu huma dipendenti fuqu kif ukoll fuq id-dħul tiegħu, u għal din ir-raġuni din is-sitwazzjoni qiegħda toħloq stress finanzjarju fuqu. Jissokta jgħid li huwa kien ħadem f'dar tal-anzjani ġewwa l-Fgura għal madwar tliet snin u nofs u qatt ma kellu allegazzjonijiet ta' dawn it-tip u huwa dejjem wettaq il-ħidma tiegħu b'diliġenza u bl-aħjar kapaċitajiet tiegħu.

40. Din il-Qorti filwaqt li tifhem id-diffikultajiet finanzjarji li jista' jġarrab

l-appellant u l-familja tiegħu għal din id-deċiżjoni, madankollu din mhix raġuni biżżejjed sabiex id-deċiżjonijiet li huma meħtieġa li jittieħdu għall-ġid tal-pazjenti ma jittieħdux. Il-fatt li qabel ħadem f'dar tal-anzjani lanqas ma tista' tgħin il-każ tiegħu billi ma jfisser xejn u ma jfissirx li waqt li kien qiegħed iwettaq id-dmirijiet tiegħu fl-Isptar Mater Dei huwa wettaq xogħlu kif meħtieġ u skont il-prattiċi tajba.

41. Għaldaqstant anke dan l-aggravju se jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti filwaqt li **tiċħad** it-tliet preġudizzjali tal-appellat dwar in-nullità tal-appell, qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq minn Shahzad Gill.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu sehem ta' żewġ terzi mill-appellant, u f'sehem ta' terz mill-appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da